MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Numru 230/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs.**

**Saidui Ismail**

**Amadou Bah**

**Boyo Mousa**

**Amin Umar**

**Keba Fatabo**

**Prame Hadali**

**Usmanu Sanu**

**Lamemw Sakhanokso**

**Azmane Sahu**

**Ahmed Yushan**

**Awal Hashim**

**Ansuman Bajo**

**John Abu**

**Ibrhaim Sisey**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

**Saidui Ismail**, nazzjonalita Guinea Bissau, imwieled nhar it-02 ta' Frar, 1995 u Numru moghti mill-Pulizija 13W-064 ;

**Amadou Bah**, nazzjonalita Senegal, imwieled nhar l-14 ta' Jannar, 1985 u Numru moghti mill-Pulizija 13W-099;

**Boyo Mousa**, nazzjonalita Senegal, imwieled nhar l-01 ta' Dicembru, 1990 u Numru moghti mill-Pulizija 13W-126;

**Amin Umar**, nazzjonalita Ghana, imwieled nhar it-22 ta' Marzu, 1985 u Numru moghti mill-Pulizija 13P-086;

**Keba Fatabo**, nazzjonalita Senegal, imwieled nhar l-14 ta' Awissu, 1995 u Numru moghti mill-Pulizija 13W-048;

**Prame Hadali**, nazzjonalita Mali, imwieled nhar l-01 ta' Jannar, 1987 u Numru moghti mill-Pulizija 13U-047;

**Usmanu Sanu**, nazzjonalita Senegal, imwieled nhar it-01 ta' Jannar, 1988 u Numru moghti mill-Pulizija 13U-030;

**Lamemw Sakhanokso**, nazzjonalita Mali, imwieled nhar l-01 ta' Jannar, 1994 u Numru moghti mill-Pulizija 13U-092;

**Azmane Sahu**, nazzjonalita Mali, imwieled nhar it-01 ta' Jannar, 1987 u Numru moghti mill-Pulizija 13U-048;

**Ahmed Yushan**, nazzjonalita Ghana, imwieled nhar it-02 ta' Frar, 1995 u Numru moghti mill-Pulizija 13T-015;

**Awal Hashim**, nazzjonalita Ghana, imwieled nhar it-22 ta' Jannar, 1994 u Numru moghti mill-Pulizija 13S-075;

**Ansuman Bajo**, nazzjonalita Senegal, imwieled nhar l-24 ta' Marzu, 1994 u Numru moghti mill-Pulizija 13W-072;

**John Abu**, nazzjonalita Sierra Leone, imwieled nhar l-24 ta' Dicembru, 1984 u Numru moghti mill-Pulizija 13W-105;

**Ibrhaim Sisey**, nazzjonalita Mali, imwieled nhar il-25 ta' April, 1994 u Numru moghti mill-Pulizija 13W-080

akkuzati talli:

1. fis-06 ta' Marzu, 2014, ghall-habta tas-01:45am, ħarbu minn post ta' kustodja publika u ċioé minn 'Safi Detention Centre', Hal-Safi, b'dana illi meta harbu saret vjolenza fuq xi persuna u/jew ksur tal-post imsemmi;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunaw xi hsara jew hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioé ghamlu hsara li tiskorri l-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati ghandha tigi nkwadrata taht Artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputati jammettu li huma hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lilhom (b'mod partikolari l-ewwel (1) imputazzjoni), l-ammissjoni bikrija taghhom u l-fedina penali taghhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 151 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati kollha hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannhom ghal perjodu ta' tmien (8) xhur prigunerija kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------